MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21/09
## Laqgħa B'Urġenza

**It-Tnejn 2 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgħa u nofs (4:30pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

## AĠENDA

21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

21.2 Applikazzjoni PA/03310/25 – Bini ta' Krematorju fil-Gudja;

20.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**

**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-erbgħa neqsin għxorin (4:40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 21.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' apoloġija.

### 21.2 Applikazzjoni PA/03310/25 – Bini ta' Krematorju fil-Gudja;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien hemm applikazzjoni biex jinbeda krematorju fi Triq tal-Lampat fil-Gudja. Is-Sindku qal li huwa tkellem diġà mas-Sindku ta' Santa Luċija dwar dan l-iżvilupp li jiġi viċin ukoll il-lokalita' tagħhom. Is-Sindu qal li fil-fehma tiegħu dan il-krematorju ser iħalli impatt negattiv fuq ir-raba'li hemm fil-madwar. Ġied jgħid li dan il-proġett kien ser isir fejn iċ-ċimeterju tal-Addolorata u l-applikazzjoni ġiet rifjutata wara li saret oġezzjoni mill-Kunsill ta' Raħal Ġdid. Is-Sindku talab għal opinjoni tal-kunsilliera preżenti. Il-Kunsilliera preżenti kollha kontra dan l-iżvilupp u qablu li ssir oġezzjoni waħda mall-Kunsill ta' Santa Luċija u kif ukoll il-Kunsill javiċċina lill-Kunsill ta' Ħal-Għaxaq biex l-oġezzjoni tkun iktar b'saħħitha. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kusill irid joġezzjoni mhux biss għax ser isir krematorju imma għax ser isir żvilupp f'art ODZ. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jippreżenta l-oġezzjoni tiegħu sa 27 ta' Ġunju 2025. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel joġezzjoni fuq diversi punti dwar żvilupp li ser isir fuq art ODZ/agrikola, li ma jinbeniex krematrju, li hemm residenzi fil-viċin, hemm kamra tan-nar fil-viċinanzi, hemm żona industrijali u kif ukoll hemm santwarju tal-klieb. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 21.3 Tmiem tal-laqgħa.

Il-Laqgħa ntemmet fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm).

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv